MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 2235/1997/1

**Serena Holidays Limited**

**vs**

**Power Projects Limited u l-Inginier Mark Perez**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Ottubru 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi skont kuntratt datat 21 ta' Frar 1995 (Dok "A") is-socjeta` attrici kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex tissupplixxi, tistalla u tikkummissjona *lift* panoramiku skont l-i*specifications* indikati fl-*Annex 1* li

jifforma parti integrali tal-istess kuntratt, fosthom, li l-imsemmi *lift* kellu jkun tat-tip li jitwahhal fuq barra tal-aparthotel tas-socjeta` attrici u kwidi ta’ kwalita` u disinn *weather-proof*.

Illi l-istess socjeta` konvenuta anke pprovdiet il-letteratura partikolari dwar il-*lift* li hi kellha tissupplixxi.

Illi fil-mori tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt is-socjeta` attrici hallset lis-socjeta` konvenuta diversi akkonti fl-ammont komplessiv ta’ sitta u ghoxrin elf lira (Lm26,000).

Illi fil-fatt is-socjeta` konvenuta ssuppliet *lift* li ma kienx tal-kwalita` pattwita f'diversi aspetti iinkluz dak li l-*lift* huwa tal-ghamla li jitwahhal fuq l-intern u mhux l-estern.

Illi *inoltre* l-istallar tal-istess *lift* la sar skont is-sengha u l-arti u lanqas sar b’materjal li jiflah ghal kondizzjonijiet ta' *lift* imwahhal fuq l-estern.

Illi minkejja d-difetti fuq esposti, l-konvenut inginier Mark Perez irrilaxxa rapport fit-23 ta’ ottubru 1996 (Dok “B”) fejn iddikjara li l-*lift* ma kien fin ebda difetti u minhabba dan ir-rapport is-socjeta` kovenuta ppretendiet li l-*lift* kien gie kkummissjonat skont il-ftehim.

Illi is-socjeta` attrici avzat lis-socjeta` konvenuta li dan ir-rapport ma kienx korrett u accettabbli.

Illi minhabba fl-inadempjenzi tas-socjeta’ konvenuta, l-*lift* gie dikjarat f'istat perikolanti u kwindi huwa inoperabbli (Dok “C”), liema fatt qed jikkaguna danni ngenti lis-socjeta` attrici.

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata tirrimedja ghal dawn l-inadempjenzi, hi mhux biss irrifjutat izda sahansitra ntavolat kawza (Citazz. Nru. 88/1997(PC)) biex tesigi l-hlas tal-bilanc allegatament dovut lilha mis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-*lift* in kwistjoni supplit mis-socjeta` konvenuta mhuwiex tal-kwalita` pattwita.

2. Konsegwentement tikkundanna s-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju, tissupplixxi lis-socjeta` attrici b'*lift* kif stipulat fil-kuntratt tal-21 ta Frar 1995 iffirmat bejn il-partijiet u skont l-i*specifications* kontemplati fl-imsemmi *Annex 1* u dan bin-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jiccertifika li l-*lift* supplit ikun *ai termini* tal-imsemmi kuntatt.

3. Fin-nuqqas, tordna r-rexissjoni tal-kuntratt tal-21 ta’ Frar 1995 u tikkundanna s-socjeta` konvenuta sabiex tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitta u ghoxrin elf lira (Lm26,000) lilha mhallsa flimkien mal-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ meta l-istess akkonti thallsu.

4. Tiddikjara wkoll li l-installazzjoni tal-istess *lift* ma sarx skont is-sengha u l-arti u lanqas sar bil-materjal appositu ghal *lift* imwahhal fuq l-estern tal-bini.

5. Konsegwentement tiddikjara li r-rapport tal-konvenut Inginier Mark Perez esebit bhala “B” huwa hazin u kwindi null u bla effett ta` kummissjonar tal-*lift* in kwistjoni.

6. Konsegwentement, f'kaz ii ma tigix applikata t-tielet talba fuq dedotta, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju, tirrimedja ghad-difetti kollha fl-installazzjoni tal-*lift* inkluz fil-materjal li jigi uzat ghal tali stallazzjoni u dan taht is-supervizjoni ta’ Perit Tekniku nominat ghal dan l-iskop.

7. Fin-nuqqas tawtorizza lis-socjeta attrici sabiex tezegwixxi hija x-xoghlijiet imsemmija fit-talba precedenti a spejjez tas-socjeta` konvenuta.

8. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-inadempjenzi tas-socjeta` konvenuta, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 30 ta’ April 1997 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni,

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn fol. 4 sa 16 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-10 ta’ Marzu 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Perez datata 18 ta’ Frar 1998 a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa li:-

1. Illi l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li m’ huwiex il-legittimu kontradittur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ Mark Perez a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Power Project Limited datata 18 ta’ Frar 1998 a fol. 27 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici hija nulla *stante* li t-talbiet avanzati fil-kuntest tal-azzjoni attrici mhumiex skont il-Ligi u ghaldaqstant huma legalment insostenibbli.

2. Illi fit-terminu u minghajr preguzizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu respinti *stante* li l-lift supplit kien tal-kwalita` pattwita u twahhalt skont is-sengha u l-arti u minghajr ebda nuqqasijiet da parti tas-socjeta` eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` Power Projects Limited a fol 27 sa 29 ta' process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Arrigo mil-10 ta' Marzu 1998 sal-1 ta' Novembru 2001 fejn fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 1999 l-Qorti in vista tan-natura tal-kaz innominat lill-Perit Tekniku Dr. Maurice Grech u Alfred Scicluna. Peress li kien hemm ukoll periti legali nvoluti u jehtieg li l-Periti Teknici jkunu mghejunin minn persuna legali nnominat ukoll lil Dr. Philip Sciberras ghal dan l-iskop.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli David Scicluna datata 5 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 3 ta' Dicembru 2002 sat-18 ta' Ottubru 2005 fejn fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002 gie verbalizziat li meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Yana Micallef Stafrace ghas-socjeta` attrici. *Stante* li Dr. Philip Sciberras gie elevat ghal bank, il-Qorti ssostitwiet il-Perit Legali bl-Avukat Dr. Joseph M. Buttigieg.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat 28 ta' Frar 2006 sabiex tigi prezentata nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 27 ta' Marzu 2006, u d-digriet datat 30 ta' Marzu 2006 fejn laqghet it-talba (fol. 87).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti datata 19 ta' April 2006 a fol 88 tal-process fejn eccepixxa:-

(1) Illi llum is-socjeta` attrici, bl-ghemil taghha stess fil-mori ta' dawn il-proceduri, tilfet kull interess giuridiku fl-azzjoni istitwita minnha, u ghalhekk l-istess azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontriha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ulterjuri tal-konvenuti a fol 88 u 89 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta Power Projects Limited datata 20 ta' Marzu 2006 a fol 91 tal-process fejn is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna li l-process tac-Citazzjoni Nru. 88/97 PC jintbaghat fir-Registru Taghha mir-Registru sabiex iz-zewgt kawzi jinstemghu kontestwalment; u l-Qorti kif hekk presjeduta rat ir-risposta datata 25 ta' April 2006, u l-Qorti laqghet it-talba b' dan li ordnat li z-zewg kawzi jinstemghu flimkien u li dan id-digriet jigi notifikat lir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u lir-Registratur tal-Qorti ta' Malta, kif jidher bid-digriet moghti fil- 5 ta' Gunju 2006 u dan sabiex ikun jista' jsehh is-smigh taz-zewgt kawzi kontestwalment (fol.97).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Joseph M. Buttigieg flimkien mad-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda quddiemu prodotta (fol. 98 sa fol. 168).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjuduta mit-18 ta' Jannar 2006 sal-4 ta' Frar 2002 fejn fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 peress li meta ssejhet il-kawza ma deher hadd il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-partijiet datat 30 ta' Novembru 2006 a fol 173 tal-process fejn talbu r-riappunatament tal-kawza sabiex tkompli tinstema' quddiema u tigi deciza u l-Qorti, wara li rat in-nota datata 31 ta' Jannar 2007, laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghat- 8 ta' Marzu 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tal- 4 ta' Ottubru 2007 fejn il-Qorti rat l-ispjegazzjoni tal-Periti Teknici. Peress li rrizulta li l-access tal-1 ta' Novembru 2000 inzamm minghajr ma gew avzati l-konvenuti u fl-assenza taghhom, u ghalhekk l-Qorti laqghet it-talba maghmula mill-konvenuti fir-rikors taghhhom datat 15 ta' Gunju 2006 u ddikjarat l-verbal tal-access tal-1 ta' Novembru 2000 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ordnat l-isfilz ta' kull verbal dwar l-istess mill-atti tal-kawza.

Rat ir-rapport tal-Periti Teknici l-Inginier Alfred R Scicluna u Profs Dr. Maurice Grech ipprezentat fil-11 ta' Gunju 2008 u mahluf fit- 2 ta' April 2009 kif jidher a fol 235 tal-process.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali datata 9 ta' April 2008, u mahluf fit-2 ta' April 209 a fol. 246 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta'April 2009 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace ghas-socjeta' attrici rremetiet ruhha ghar-rapport, u l-istess ghamel Dr. Massimo Vella ghall-konvenuti fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Frar 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2010.

Rat l-atti tal-kawza l-ohra fl-ismijiet "Power Projects Limited vs Serena Holidays Limited" – Citaz. Numru 88/1997 u d-digrieti ta' din il-Qorti, kkonfermati bid-digrieti u d-decizjoni odjerna, li l-provi f'din il-kawza ghandhom jghoddu bhala provi fil-kawza l-ohra hawn citata, u l-istess il-provi fil-kawza hawn indikata ghandhom jghoddu bhala provi f'din il-kawza, u dan ghaliex l-istess kawzi huma intimament konnessi.

Rat id-digriet tal-15 ta' April 2010 fejn il-Qorti ordnat ir-rikjam tal-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-27 ta' April 2010 .

Rat li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-patrocinati taghhom rispettivi bid-digriet tar-rikjam tal-kawza ghas-27 ta' April 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret mis-socjeta’ attrici Serena Holidays Limited sabiex jigi ddikjarat li lift supplit mis-socjeta’ konvenuta ma huwiex tal-kwalita’ pattwita, u li ghalhekk is-socjeta’ konvenuta talbet lis-socjeta’ konvenuta konsegwentement tigi kkundannata tissuplixxi lift kif pattwit, u fin-nuqqas tordna r-rexissjoni tal-kuntratt datat 21 ta’ Frar 1995 u s-socjeta’ konvenuta tirrifondi lilha l-ammont ta’ Lm26,000 mhallas lis-socjeta’ attrici bl-imghax mid-data tal-hlas; jigi ddikjarat li l-installazzjoni tal-lift ma’ saritx skond is-sengha u l-arti, tiddikjara r-rapport tal-Perit Perez (Dok. “B”) bhala null u bla effett in kwantu ikkomissjona l-lift in kwistjoni, u fin-nuqqas li tigi milqugha it-tielet talba s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata sabiex tirremdja ghad-difetti fl-istess lift, u fin-nuqqas li dan isir mis-socjeta’ konvenuta f’terminu qasir u perentorju hekk prefiss, is-socjeta’ attrici tigi awtorizzata li taghmel l-istess xoghol hija a spejjez tas-socjeta’ konvenuta, u tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba inadempjenza tas-socjeta’ konvenuta, liema danni jigu likwidati f’gudizzju separat.

Illi s-socjeta’ konvenuta sostniet li t-talbiet kif proposti huma insostenibbli legalment u fi kwalunkwe kaz ghandhom jigu respinti ghaliex il-lift provdut huwa ta’ kwalita’ pattwita u twahhal skont is-sengha u l-arti u minghajr ebda nuqqasjiet *da parte* tas-socjeta’ konvenuta. Illi b’nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tad-19 ta’ April 2006 l-istess socjeta’ konvenuta eccepiet li la darba b’ghemil taghha stess fil-mori tal-kawza, hija tilfet kull interess guridiku f’din il-kawza u ghalhek l-istess azzjoni ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha. Il-konvenut l-iehor eccepixxa li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kellha tissuplixxi u twahhal u tikkommisjona l-lift ghall-*hotel* indikat fl-azzjoni attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ attrici, izda jirrizulta li wara li gie installat, instab li tali lift kellhu diversi

difetti u dan kif ikkonstat mill-periti teknici fil-rapport taghhom datat 11 ta’ Gunju 2008 fejn ikkonkludew li:-

(1) Li l-lift kif gie fornut fil-partijiet l-iktar necessarji kien accettabbli ghall-fini ta’ kif kien specifikat u accettat mill-attur.

(2) Illi kif gie mibghut il-lift kellu nuqqasijiet ta’ accessorji minn kif kien specifikat.

(3) Illi kien hemm partijiet li gew installati hazin jew il-materjal taghhom kien difettuz.

(4) Illi is-socjeta’ konvenuta fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom ma accettatx l-atteggament tas-socjeta’ attrici rigward il-mod kif giet trattata, b’dan li dahhal terzi persuni sabiex jirrangaw in-nuqqasijiet li kien hemm.

(5) Illi l-kabina kellha nuqqasijiet ta’ *weather proofing* u forsi wkoll ippenetra xi ilma mill-*landing doors.*

Illi ghalhekk ikkonkludew li hafna minn nuqqasijiet setghu jigu rrangati – u fil-fatt hekk ghamlet is-socjeta’ attrici wara xi zmien konsiderevoli, anke jekk l-istess saru bi spiza, dewmien u skariggi ohra, u tali spejjez addizzjoni sabiex il-lift gie supllit u nstallat joqrob ghal-fini ta’ kuntratt li kellha tforni s-socjeta’ attrici kien jammonta ghall-ghoxrin elf, disa’ mija u disa’ u ghoxrin ewro (€20,929).

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **“Farrugia vs Portelli et”** (A.C. – 9 ta’ Ottubru 1987) l-appaltaturi ghandhom jipprestaw opera sodisfacenti u jirrezistu kull intramissjoni ta’ minn jinkarigahom, u ma jistghux jezonoraw ruhhom minn responsabilita’ ta’ xoghol skont is-sengha ghaliex jghidu li x-xoghol li ghamlu sar hekk fuq insistenza tas-sid. Konformament ma’ dan l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita’ u din anzi tibqa’ tissussisti minkejja li kien hemm “l-approvazzjoni” tax-xoghod mis-sid, u dan iktar u iktar meta tali difetti fix-xoghol ma jkunux immedjatament apparenti u ma jkunux jistghu jigu skoperti fil-mument ta’ installazzjoni jew konsenja, u l-appaltatur ghandu jaghmel tajjeb ghad-difetti li johorgu wara

(**“Bonaventura Camilleri vs John Cuschieri”** – P.A. (PS) – 31 ta’ Jannar 2003).

Illi hemm differenza bejn dawk li huma difetti essenzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew utilita’ taghha, b’mod ma tibqax tajba ghall-uzu intenzjonat ghaliha u b’hekk il-kommittent ghandu dritt jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt minhabba inadempjenza, u difetti mhux essenzjali, meta ma jistax jinghad li l-appaltatur huwa inadempjenti, izda ghandu l-obbligu li jirrepara ghad-difetti jew li jaccetta riduzzjoni fil-prezz tal-opera minnu fornita.

Illi fil-kaz li jridu jigu eleminati tali difetti, l-kommittent ghandu qabel xejn jirrivolgi ghal dan ghand l-appaltatur jekk dan ma jaghmel xejn jew ma jintlahaqx ftehim, ix-xoghol rimedjali jista’ jsir mill-kommittent u dan *“minghajr il-htiega ta’ konferma guddizzjali ta’ l-inadempjent u tal-konsegwenti kundanna ta’ l-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika”.* F’dan il-kaz allura l-kommittent jista’ jitlob il-hlas ta’ danni lilu kkagunati u dan jemani mill-**artikolu 1125 tal-Kap. 16** li jobbliga lil kull min jonqos milli jesegwixxi l-obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, li jhallas id-danni **(Vol. XXX.i.62),** u dan iktar u iktar fil-kaz meta l-appaltatur ma jwigebx jew ma jirrangax huwa d-difetti li hemm fix-xoghol kommissjonat, meta hekk interpellat.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-lift kif installat mis-socjeta’ konvenuta kellu numru ta’ difetti fuq elenkati mill-periti teknici, difetti li jistghu jitqiesu li ma kinux ta’ natura essenzjali li jwasslu ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta’ appalt, izda xorta wahda serji u mhux traskurabbli, li setghu jigu retifikati b’interventi f’waqthom mis-socjeta’ attrici meta interpellata mis-socjeta’ attrici permezz ta’ protest gudizzjarju datat 30 ta’ April 1997.

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata, s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli li tirrimedja ghall-istess meta interpellata, pero’ jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta dan irrifjutat li taghmlu u fil-fatt ma ghamlitux tant li ghamlet il-kawza l-ohra (Citaz. Nru. 88/1997) u ghalhekk is-socjeta’ attrici kellha d-dritt u kienet kostretta sabiex

hija stess tirimedja ghall-istess difetti, u dan anke in konsegwenza tal-principju li d-dannegjat ghandu obbligu li jimminimizza d-danni **(“Mario Blackman vs. Paul Formosa”** A.C. – 5 t’Ottubru 1994) u dan is-socjeta’ attrici setghet taghmlu minghajr il-bzonn ta’ awtorizzazzjoni gudizzjarja. Dawn ix-xogholijiet riparatorji saru mis-socjeta’ attrici u b’effett ta’ dan *“gabet il-lift fi stat li jahdem, kif rawh il-periti teknici, u l-esponent il-perit legali, fl-access tal-5 ta’ Mejju 2006...”* (para 32 tar-rapport legali – fol. 137) u allura s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli sabiex thallas l-ispejjez ta’ riparar, li jammontaw ghal €20,929, u allura tali ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni Numru 88/1997 istitwieta mis-socjeta’ konvenuta odjerna Power Projects Limited kontra s-socjeta’ attrici Serena Holidays Limited fil-kawza fl-ismijiet “Power Projects Limited vs Serena Holidays Limited ghall-ammont ta’ €31,950.15 (Lm13,716.20), u tenut kont ta’ dak hawn deciz jibqa’ bilanc favur is-socjeta’ attrici ta’ €11,021.15 u dan kif qed jigi deciz proprju fil-kawza l-ohra.

Illi ghall-fini ta’ din il-kawza din il-Qorti tinnota li l-istess socjetajiet kontendenti u l-konvenuti kollha partijiet f’din il-kawza rremettew ruhhom ghall-konkluzjonijiet tal-periti teknici u l-perit legali u fid-dawl tat-talbiet tas-socjeta’ attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u in vista’ ta’ dak li nghad iktar il-fuq, u l-konkluzjonijiet tal-periti teknici u legali jinghad fl-ewwel lok li dwar l-konvenut Mark Perez, jirrizulta li huwa ma kienx responsabbli ghax-xoghol u allura l-eccezzjoni tieghu ghandha tigi milqugha u qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta qed tigi michuda, peress li jirrizulta li d-domandi kif saru huma alternattivi ghall-xulxin.

Illi t-tieni eccezzjoni hija wkoll insostenibbli ladarba gie konstatat li l-lift kif installat mis-socjeta’ konvenuta kellu difetti u zviluppa hsarat li s-socjeta’ konvenuta kellha l-obbligu li telimina u tirrepara b’mod adegwat.

Illi dwar l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta ta’ karenza ta’ interess ma tistax tigi accettata u dan peress li s-socjeta’ attrici setghet taghmel hija r-riparazzjoni necessarja bla ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti, la darba meta interpellata sabiex tirremedja ghad-difetti s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti (ara **“Micallef vs Agius”** – P.A. 9 ta’ Gunju 2004).

Illi mir-rizultanzi jirrizulta li l-lift kien tal-kwalita’ pattwita, izda kellu difetti fil-materjal u fil-mod ta’ installazzjoni, difetti li setghu, u fil-fatt gew retifikati mis-socjeta’ attrici u ghalhekk l-ewwel tlett talbiet attrici qed jigu michuda u r-raba’ talba qed tigi milqugha.

Illi dwar il-hames talba jinghad li ma jistax jinghad li c-certifikat mahrug ma kienx korrett ghaliex l-imsemmija difetti hargu wara tali certifikazzjoni, izda peress li llum la darba l-istess difetti u hsarat gew irrangati mis-socjeta’ attrici, mela allura din it-talba giet sorvolata u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Illi is-sitt u s-seba’ talba gew ukoll superati peress li x-xogholijiet necessarji ta’ riparazzjoni gew maghmula mis-socjeta’ attrici salv il-hlas tal-istess spejjez mis-socjeta’ konvenuta, li gew inkorporati fis-sentenza fl-ismijiet **“Power Projects Limited vs Serena Holidays Ltd”** (Citaz.Nru 88/1997) deciza llum, fis-sens li l-istess ammont ta’ spejjez maghmula mis-socjeta’ attrici, gie mnaqqas mill-bilanc ta’ prezz rikjamat mis-socjeta’ konvenuta f’dik il-kawza, u meta saru dawn il-konteggi f’dik il-kawza jirrizulta li baqa’ bilanc favur is-socjeta’ konvenuta odjerna, s-socjeta’ attrici f’dik il-kawza.

Illi it-tmien talba qed tigi milqugha fl-ammont ta’ €20,929, u fil-fatt fis-sentenza l-ohra “**Power Projects Limited vs Serena Holidays Ltd”** (Citaz.Nru 88/1997) deciza llum gie deciz li tali ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub fl-imsemmija citazzjoni Numru 88/1997 istitwita mis-socjeta’ Power Projects Limited kontra s-socjeta’ Serena Holidays Limited b’dan li meta jsir dan jibqa’ bilanc favur is-socjeta’ Power Projects Limited ta’ €11,021.15 li

gie akkordat u deciz fil-kawza l-ohra hawn imsemmija (Citaz. Nru 88/1997).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut l-Inginier Mark Perez u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma huwiex il-legittimu kontradittur, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici peress li l-istess illum gew sorvolati kollha minhabba x-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici fil-mori tal-kawza kollox kif fuq hawn deciz, u fil-waqt li tichad l-ewwel tlett talbiet attrici, **tilqa' r-raba' u t-tmien talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, kollox kif indikat iktar il-fuq fl-istess decizjoni b'dan illi:-

4. Tiddikjara li l-installazzjoni tal-istess *lift* ma sarx skont is-sengha u l-arti u lanqas sar bil-materjal appositu ghal *lift* imwahhal fuq l-estern tal-bini.

8. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-inadempjenzi tas-socjeta` konvenuta kif hawn deciz, liema danni jammontaw ghas-somma ta' ghoxrin elf, disa' mija u disgha u ghoxrin ewro (€20,929) u liema ammont ghandu jitnaqqas mis-sorte mitlub fil-kawza fl-ismijiet "**Power Projects Limited vs Serena Holidays Ltd"** (Citaz.Nru 88/1997) deciza llum, kif gie appuntu deciz fl-istess imsemmija decizjoni fuq ic-citazzjoni Numru 88/1997 istitwita proprju mis-socjeta' Power Projects Limited (is-socjeta' konvenuta odjerna) kontra s-socjeta' Serena Holidays Limited (is-socjeta' attrici odjerna) b'dan li meta jsir dan jibqa' bilanc favur is-socjeta' Power Projects Limited ta' hdax –il elf u wiehed u ghoxrin ewro u hmistax –il centezmu (€11,021.15) li gie akkordat u deciz fil-kawza l-ohra hawn imsemmija (Citaz. Nru 88/1997).

Bl-ispejjez *stante* in-natura tal-kaz jigu sopportati kwantu ghal terz mis-socjeta' attrici u kwantu ghal zewg terzi mis-

socjeta' konvenuta, hlief li s-socjeta' attrici ghandha ssofri l-ispejjez tal-konvenut Mark Perez.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------